MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 36/2004

HSBC Bank Malta plc ,

vs

Carmelo Sciberras U martu Monica Sciberras .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati sabiex jiżgumbraw mill-fond flat 7, 'l-Għorfa', Qbajjar Heights, Triq il-Qolla, Marsalforn limiti ta' żebbuġ, Għawdex fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti billi dan il-fond huwa okkupat minnkom mingħajr titolu validu fil-liġi, u tħallsu l-ammont ta' danni dovut lis-soċjeta' attriċi minħabba l-okkupazzjoni illegali da parti tagħkom tal-fond fuq imsemmi mid-data tad-29 ta' Novembru 2001 sad-data ta' l-eventwali żgumbrament, u dana wara kull dikjarazzjoni neċessarja minn din il-Qorti .

Illi għal finijiet ta’ kompetenza jiġi ddikjarat li l-valur lokatizju huwa ta’ Lm920 fis-sena skond kif jirriżulta minn rapport tal-Perit Arkitett anness bħala dokument bl-ittra “A” . Jiġi dikjarat ukoll li l-ammont ta’ danni ma jeċċedix l-Lm5000 .

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali .

Bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni .
Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew :

1. Illi Preliminarjament illi din l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta’ din il-kawża għaliex l-eċċipjenti huma Maltin u għandhom ir-residenza ordinarja tagħhom fil-Gżira ta’ Malta u għalhekk qegħdin jinvokaw il-*privilegium fori* a tenur ta’ l-artikoli 741 (c) u 767 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta ;

2. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost; l-esponenti jeċċepixxu n-nuqqas ta’ interess ġuridiku tas-soċjeta attriċi stante n-nuqqas tagħha ta’ titolu validu għall-fond *de quo ;*

3. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti mhux qed jokkupaw il-fond *de quo ;*

4. Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta’ attriċi ma sofrietx id-danni pretiżi u għalhekk it-talba tagħha għall-istess danni hija infondata fil-fatt u fid-dritt ;

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra .

Rat il-verbal tagħha tat-3 ta' Mejju 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-*privilegium fori .*

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni preliminari tiegħu l-konvenut qed jinvoka l-'*privilegium fori*' u cioe' d-dritt jew aħjar benefiċċju li jiġi mħarrek f'Qorti partikolari . Mhux kontestat illi l-konvenuti fil-kawża odjerna jirrisjedu fil-gżira ta' Malta . Infatti anke l-indirizz li ngħata għan-notifika lilhom taċ-ċitazzjoni huwa f'Malta .

L-artiklu 741 (c) jittratta l-eċċezzjoni ta' inkompetenza ta' xi Qorti meta hu mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem qorti partikolari . L-artikolu 767 imbagħad jagħti l-benefiċċju lil persuni li jkunu joqgħodu fil-gżira ta' Malta li jiġu mħarrka f'dik il-gżira, u lil dawk li joqgħodu f'Għawdex rigward il-Qorti ta' din il-gżira .

Għalhekk *prima facie* jidher illi l-konvenuti għandhom raġun iqajjmu din l-eċċezzjoni, ġialadarba ġew imħarrka fil-Qorti ta' din il-gżira u mhux f'dik ta' fejn titqies li hija r-residenza tagħhom .

Imma l-Qorti ma tistax tieqaf hawn, għax importanti ferm għas-soluzzjoni ta' din il-kwistjoni huwa l-artikolu 770 tal-Kap. 12 fejn tingħata waħda mill-eċċezzjonijiet għal din ir-regola rilevanti għall-każ in eżami . Infatti dan l-istess artikolu jgħid illi : "**l-'privilegium fori' jispiċċa wkoll, fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi gżira partikolari**" .

Fid-duttrina legali nsibu jingħad illi :

"*Foro per le cause relative a diritti di obbligazione e' quello del luogo in cui e' sorta o deve eseguirsi l-obbligazione dedotta in giudizio.*"[1]

Il-Qrati tagħna kellhom diversi okkażjonijiet jesprimu ruħhom dwar din l-eċċezzjoni tal-'*privilegium fori*', u din il-Qorti tiffaċċja tali eċċezzjoni prattikament kull darba li xi ħadd residenti Malta jiġi mħarrek quddiemha . Dejjem pero' ġie ritenut illi, kif tistipula l-liġi stess, dan il-benefiċċju tal-konvenut jispiċċa kemm-il darba jiġi pruvat illi l-

[1] Salvatore Sotto : Diritto Processuale Civile, pag. 17 .

kontestazzjoni tirrigwarda obbligazjoni li kellha titwettaq fi gżira partikolari . Il-prinċipju ewlieni li dejjem ġie segwit mill-Qrati tagħna kien illi, fejn in-negozju ġurdiku fil-parti preponderanti tiegħu kellu jiġi esegwit fi gżira partikolari, dik il-gżira kellha kompetenza tisma l-kawża; (ara f'dan ir-rigward : Appell Civili : Alfred Cremona et. v. Vanda armla Bradshaw : 20.5.94; Appell Kummerċjali : Vivian Gatt noe. v. Carmelo Grima : 12.2.92; u cit. 6/1996 : "Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited" mogħtija fit-22 ta' April 1997 u kkonfermata fl-Appell) . Il-ftehim mhux bilfors għandu jkun espress, imma jista' jkun ukoll tacitu ; (ara Appell : John Borg vs Salvatore Bonnici : 19.11.1954; Appell : Pisani vs Mizzi : 7.12.1923 vol. XXV. i. 1031) .

Minn dak li jirriżulta mill-Avviż stess, fil-każ preżenti nsibu illi s-soċjeta' attriċi qed titlob lill-Qorti tordna *inter alia* l-Iżgumbrament tal-konvenuti mill-fond indikat fl-Avviż . Dan il-fond jinsab Għawdex . Għadu mhux magħruf x'kienu r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti, u fejn kellhom jitwettqu l-obbligazzjonijiet ta' bejniethom, jekk tassew kien hemm . Nafu biss illi qed jingħad illi l-konvenuti qed jokkupaw il-fond in kwistjoni mingħajr titolu .

Fil-fehma tagħha ta' rilevanza għas-soluzjoni ta' din il-kwistjoni huwa dak li nsibu fid-dottrina fis-sens illi :

"… *la divisione del territorio giudizziario ha per punto di partenza l'interesse delle parti giudicabili, che con altre parole di traduce nella piu' facile, piu' completa e meno dispendiosa amministrazione della giustizia . Questo e' lo scopo generale della competenza per territorio; ma egli e' un concetto complesso, che ha i suoi fondamenti nell'analisi del soggetto e dell'oggetto della lite . Da cio' la direzione della lite* ***'actor sequitur forum rei*** *" semplice e profondo criterio, dogma assoluto nell'azione personale …* " (Borsari : Codice Italiano di Procedura Civile vol. I. pag. 140) .

Hekk ukoll ġie mgħallem illi : "*Finche' l'immobile pel quale l'azine viene intentata e' posto nel territorio di una giurisdizone, il principio che la competenza si determina in base del luogo nel quale e' sito l'immobile non offre*

*difficolta' di applicazione; la competenza havvi nel giudice del logo nel quale l'immobile e' sito*." (Digesto Italiano, voce Competenza Civile pag. 367 para 148) .

Għalhekk, billi t-talba għall-iżgumbrament hija azzjoni personali u l-fond illi minnu s-soċjeta' attriċi qed tfittex dan l-iżgumbrament jinsab Għawdex u konsegwentement l-esekuzzjoni, kemm-il darba t-talba tintlaqa' trid neċessarjament issir ukoll Għawdex, huwa l-każ illi jispiċċa l-benefiċċju tal-*privilegium fori* altrimenti disponibbli għall-konvenuti .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi dwar din l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut, billi tiċħad l-istess eċċezzjoni u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni .

L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali .

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------